**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Erbgħa, 20 ta' Diċembru, 2017**

Kawza Numru: 21/2017MS

Solar Engineering Co. Ltd (C47487)

vs

Sentosa Company Limited (C18137) u Isabelle Vella

It-Tribunal,

Ra t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta'April 2017 li permezz taghha talbet lit-Tribunal tordna lis-socjeta' intimata thallasha s-somma ta' erbat elef sitt mija u hamsa u tletin Euro (€4,635) u l-imghaxijiet relativi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2017, rapprezentanti bilanc dovut ghall-ordni u stallazzjoni ta' diversi pannelli fotovoltajici.

Ra illi fl-4 ta' Mejju 2017 kemm Isabelle Vella kif ukoll is-socjeta' intimata gew debitament notifikati bl-avviz ghat-talba izda ma ressqu l-ebda risposta fiz-zmien preskritt mil-ligi.

Ra illi fit-14 ta' Lulju 2017 deher biss Dr. Daniel Calleja ghas-socjeta' attrici u l-kawza giet differita fuq talba ta' Dr Jean Paul Sammut ghas-socjeta' intimata.

Ra li fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2017 il-konvenut deher biss Dr. Daniel Calleja ghas-socjeta attrici. Is-socjeta' konvenuta u/ jew rapprezentant taghha baqa' ma deheritx kif lanqas ma deheret Isabelle Vella quddiem dan it-Tribunal.

Ra illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru deher biss Anthony Saliba ghas-socjeta' rikorrenti illi kkonferma bil-gurament li l-ammont kollu kien ghadu dovut.

Ra illi s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand is-socjeta' intimata u Isabelle Vella, tas-somma ta' erbat elef sitt mija u hamsa u tletin Euro (€4,635) u l-imghaxijiet relativi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2017.

Illi fis-seduta mizmuma nhar it-30 ta' Novembru 2017, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti kkonferma bil-gurament li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur

ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad il-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm is-socjeta' intimata u Isabelle Vella gew debitament notifikati, la ressqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduta quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m'ghandux mis-sewwa.

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta rikorrenti rnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-socjeta' Konvenuta u Isabelle Vella ma ressqu ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata u lil Isabelle Vella li jhallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta'erbat elef sitt mija u hamsa u tletin Euro (€4,635) u l-imghaxijiet relativi mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2017. Spejjez a karigu tas-socjeta' intimata u Isabelle Vella.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*